Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 167 / 2019

Il-Pulizja

Vs

Owen Seguna

Illum 24 ta' Ottubru 2019,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Owen Seguna, detenur tal-karta tal-Identita Maltija bin-numru 234900 L, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar id-29 t' Awwissu, 2018 u fil-granet sussegwenti li jigu wara, f' dawn il-gzejjer:

Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jaghmel xi reat jew bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra jew biex jaghmel xi gwadann, jew bil-hsieb li jgieghel lil Isaac scicluna jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, jew hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontra tieghu, jew biex jimmalafama lil Isaac Scicluna, jew xi person ohra jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar id-29 ta' Mejju, 2019, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 49 tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti sabet lil Owen Seguna hati tal-imputazzjonijiet mressqa fil-konfront tieghu u ikkundannat lill-hati ghall-hlas ta' multa ta' elfejn ewro.

Inoltre, wara li rat l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Isaac Scicluna kif ukoll sabiex tipprovdi ghas-sigurta u l-ordni pubbliku rabtet lill-hati taht obbligazzjoni tieghu nnifsu ghal perjodu ta' sena taht penali ta' elf ewro skont id-digriet li gie anness ma din is-sentenza u li tifforma parti integrali minnha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti Owen Seguna, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-18 ta' Gunju, 2019, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti li filwaqt li tikkonferma f'dik il-parti taghha fejn sabet lill-esponenti hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, tirriformaha in kwantu ghall-piena fejn ghandha tinghata piena aktar gusta u ekwa skond il-kaz liema piena ghandha tkun fil-minimu possibli .

Bir-rispett u sottomissjonjiet ulterjuri verbali fis-smiegh tal-Appell.

Rat illi l-imputat hass ruhu aggravat mid-decizjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti u jinstab jinterponi dan l-umili appell skond l-aggravji segwenti .

**Aggravji**

Illi l-aggravju principali huwa illi l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet kunsiderazzjoni zbaljata u skorretta tal-ammissjoni tal-imputat. Il-fatt illi l-imputat irregistra ammissjoni tal-akkuza kif dedotta fil-konfront tieghu kienet certament kwalifikata u kellha tinghata kunsiderazzjoni denja u gusta.

Illi l-prosekuzjoni ikkonfermat illi l-imputat ikkoopera bis-shih waqt l-interrogazzjoni u l-ufficjal prosekutur kkonferma li huwa jirrimetti ruhu ghal-kull decizjoni tal-Qorti fir-rigward tal-piena.

Illi l-piena inflitta hija wahda esagerata u ingusta in kwantu ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

**Apprezament tal-Kaz u l-Ammissjoni kwalfikata tal-Imputat**

Illi l-partijiet qablu li ma kienx fl-interess tal-parte civile li jitressqu provi stante illi l-akkuzi inhargu fuq kwerela tal-genituri tal-minuri ta'Isaac Scicluna u kwindli ma kienx fl-interess tal-minuri li jinstemghu u jitressqu xhieda u dokumenti. Illi l-partijiet informaw il-Qorti illi kien hemm filmat li tpogga fuq *chat group* ta' erbgha (4) hbieb tal-imputat. L-imsemmi filmat kien juri lill Isaac Scicluna jitbewwes ma tfajla. Ma giex esebit l-imsemmi filmat u l-Qorti certament ma intwerietx l-imsemmi filmat. Tajjeb wiehed jifhem illi l-filmat ma tpoggiex fuq mezzi pubblici bhal ma huma *facebook* u ohrajn izda kien *shared* bejn erbgha membri ta'*group chat* inkluz fih l-imputat u dan ikkonfermah l-Ispettur meta gabar il-mobiles tal-partijiet u seta jivverifika li l-imputat kien biss ghamel il-filmat *shared* mat -tlett membri l-ohra tal-grupp. Ma saritx verifika min minn dawn il-persuni setgha ghamlu *shared* ma terzi u kif gie ghal-gharfien tal-genituri tal-istess Isaac Scicluna. L-imputat pogga ghad-disposizzjoni l-mobile tieghu

pero' qatt ma setgha jkun f'posizzjoni li b'certezza jkun jaf min minn shabu l-ohrajn setgha ghamel il-filmat *shared* barra mill-*group chat* .Min dan kellu jkun car illi l-intenzjoni li b'xi mod jwegga l-*parte civile* ma kinitx tinkwadra ai termini tal-Artiklu 49 tal Kap 499.

Dan kollhu gie mgharraf lill-Ewwel Qorti u l-istess Qorti pposponiet id-decizjoni ghal-data alternattiva sabiex tista tippronuncja sentenza.

Illi l-aggravju manifest huwa li bhala provi ma jirrisultaw ebda provi in atti li setghu wasslu l-ewwel Qorti tinfliggi piena li bir-rispett hija kiefra fil-konfront ta'guvni ta'tminatx il-sena li ghadu kemm beda jahdem.

Illi l-imputat ma jafx lill Isaac Scicluna u kwindi l-parti tal- kundanna fejn giet ulterjorment ordnata garanzija ai termini tal-Art 383 tal Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta bl-obligazzjoni ghal-perijodu ta'sena taht penali ta'elf ewro (€1000.00). Din bir-rispett ma kienitx mehtiega fic-cirkostanzi ghaliex il-Qorti kellha certament taprezza li l-imputat ma kellu ebda animosita versu l-parte civile tant li jikkonferma li ma jafhomx.

**Nuqqas ta' Provi**

Illi l-imputat setgha facilment xehed u xejjen kull htija ai termini tal-Artiklu 49 tal-Kap 399 in kwantu ma kien hemm ebda intenzjoni defamatorja kontra l-istess Isaac Scicluna. Fattur li bir-rispett kellu jittiehed in kunsiderazzjoni kien il-fatt li ghalkemm l-parte civile u cioe' l-genituri ta'Isaac Scicluna kienu presenti u xtaqu xi forma ta'htija tal-imputat huma evitaw li jressqu lil istess Isaac Scicluna sabiex jixhed.

Fil-verita il-filmat juri koppja minuri fil-pubbliku u l-prosekuzzjoni u d-difiza bi qbil qablu li jkun konsiljabbli li jigi evitat li potenzjalment setghgu jkollhom jittiehdu proceduri ukoll kontra l-istess minuri. Dan ma kellux jkun a skans ta′ sentenza li bir-rispett l-appellant li kienet pjuttost severa in kwantu tikkastiga unikament lill-appellanti b′multa qawwija meta huwa ammetta bi kwalifika cara u manifesta korroborata mill-istess ufficjal prosekutur. Fic-cirkostanzi kienu terzi li in effetti producew l-filmat li gie accessibbli bi ksur tal-Artiklu 49 tal Kap 399.

Rat il-fedina penali tal-appellant esebita fl-atti u minn esami tal-istess jirrizulta li ghandu fedina penali netta bla ebda tebgha ta′ kontravenzjoni jew reat registrat fuqha.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tas-26 ta′ Setembru 2019.

Ikkunsidrat.

Illi l-fatti fil-qosor li **jirrizultaw mill-process** huma is-segwenti:

1. L-appellant tressaq il-Qorti akkuzat bir-reat kif naxxenti mill-artikolu 49 tal-kapitolu 399 tal-Ligijiet ta′ Malta.
2. Fl-ewwel udejnza fejn kien prezenti u cioe′ nhar is-16 ta′ Mejju 2019 stante li ma kienx notifikat jidher ghas-seduti ta′ qabel, il-prosekuzzjoni esebiet stqarrija tal-appellant datata 1 ta′ Settembru 2018 u markati bhala dok AB1.
3. L-appellant irregistra ammissjoni fil-presenza tal-avukat tieghu dak in-nhar tal-ewwel seduta.
4. Il-Qorti ghadadiet biex taghti s-sentenza taghha kif rikjest mill-partijiet .

L-avukat difensur tal-appellant jsitqar li waqt is-seduta intqal hafna affarijiet bhal per ezempju li l-prosekuzzjoni kient qed tirrimetti ruha ghall-piena, li ma kienx fl-interess tal-partijeit li jitresqu provi dwar l–akkuza pero' mill-atti ma jirrizulta xejn minn dan.

Li jirrizulta mill-atti li gara huwa is-segwenti u dan minn qari tal-istqarriji li irrilaxja l-istess appellant a tempo vergine tal-investigazzjoni mizmuma mill-pulizija.

Fl-istqarrija rilaxxjata nhar l-10 ta' Settembru, 2018 fil-10.41a.m hu stqar li waqt li kien fil-wied ra zewg minn nies jinnamraw u gibdilhom video. Mistoqsi jekk jafx min kienu jghid li kien jaf wiehed minnhom biss. Qal li wara kien baghat dan il-video fi grupp li ghandu fuq is-sit Messenger. Qal li fil-grupp kienu tlieta shabu pero' ma jafx x' jisimhom. Wara jghid li kien hassar dan il-video u kien anke hassar l-grupp. Mistoqsi jekk jafx li l-video spicca ghand il-genituri ta' din il-koppja jghid li hu fil-grupp poggih biss. Jichad li baghat dan il-video lil xi hadd iehor. Jghid ukoll li jaf li l-persuna li gibdilha l-video kellha hmistax-il sena. Qal li kien hassar il-video ghaliex wara induna li kien ghamel xi haga hazina.

Ghalhekk din il-Qort trid tara jekk l-ewwel Qorti bil-provi li kellha quddiemha setghetx-tasal ghal piena li tat u cioe jekk kienix piena idoneja u gustifikata statne li l-appell tal-appellant hu limitat ghal kwistjoni ta' piena.

Illi hu minnu bhala fatt li bħalma qalet din il-Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v. Jonathan Attard</u>**[1]:

'Issa fit-termini tal-ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-Iimiti li tipprefiġġi l-lġgi. Dan huwa hekk peress illi min jammettij jkun qiegħed jassumi r-responsabilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kulI deċiżjoni dwar piena Ii l-Qorti tkun tista` tasal għaliha. Naturalment dan ma jfissirx Ii din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw ,iekk

[1] Moghtija fis-26 ta' Mejju 2004

il-piena nflitta kenitx eċċessiva jew Ie. Mhuwiex normali pero', Ii tiġi disturbata d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-Iiġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat[2]."

Illi pero' kif inghad fl-appell kriminali minn din l-Onorabbli Qorti fi-ismijiet **Il-Pulizija (Spt.T. Micallet) vs John Gauci**,[3] "mhux normali Ii din il-Qorti tal-Appell Ii tvarja d-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tirrientra fil-parametri taI-ligi w ma tkunx manifestament eċċessiva. Dan għax, kif ġie ritenut f- Alppell Kriminali (Superjuri) . "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler[4]**" :- "Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bħala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata milI-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-każ (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti għas-sentenza tal-Ewwel Oorti) Ii jkun jinċidi b'mod partikolari fuq il-piena. (Ara wkoll "**Ir-Repubblika ta' 'Malta vs. Bernard sive Benny Attard**[5]")

Illi fil-kaz odjem tal-appellant Owen Seguna, qed jikkontesta l-piena erogata mill-Ewwel Qorti, ghaliex fil-fehma tieghu hija wahda eccessiva fic-cirkostanzi, minkejja li kienet wahda li tirrientra fil-parametri tal-ligi.

Illi l-appellant instab hati mill-ewwel Qorti talli ghamel uzu mhux sieraq bic-celulari tieghu u l-piena ghal dan ir-rat hu dak prospettat fl-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-ligijiet ta' Malta li jipprovdi li "*min ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin* euro *u*

---

[2] Sottolinear ta' din l-Onorabbli Qorti
[3] Deciz fis-26 ta' Marzu, 2009
[4] Deciz fis-26 ta' Frar 2009
[5] Deciz fl-20 ta' Marzu 2009 App. Krim.Superjuri

*tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73."* Ghalhekk il-legislatur halla f'diejn il-qorti il-quantum tal-multa.

Illi pero' din il-Qorti rat li l-appellant huwa tfajjel ta' tmintax-il sena b'fedina penali netta u jidher li dak li ghamel almenu mill-provi prodotti u mid-domandi maghmula lilu waqt li irrilaxja l-sitatement ma kien hemm l-ebda raguni ultejruri 'l ghala gibed da nil-video izda mument ta' bluha tant li wara li lahaq poggih fuq il group chat taghhom ta' tlett ihbieb hassar kemm ic-chat u il-video.

Il-Qorti thoss li ghandha titratta mal-appellant bhala first time offender u ghalhekk thoss li fic-cirkostanzi stante l-ammissjoni bikrija tal-appellant, stante li l-appellant ikkopera mal-prosekuzzjoni mal-ewwel, stante l-eta' tenera tal-appellant, stante l-fedina penali netta tieghu li tista' tirriduci l-piena inflitta mill-ewwel Qorti.

Ghalhekk din il-Qorti filwaqt li qeighda tilqa' l-appell tal-appellant u cioe' li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati tal-akkuza qieghda tvarja l-istess in kwantu ikkundannatu ihallas multa ta' elfejn euro u minflok qieghda tikkundannah ihallas multa ta' hames mitt euro ( €500).

Qieghda tikkonferma ukol is-sentenza fir-rigward ta' dik il-parti fejn ordnat li tinhareg ai termini tal-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali, garanzija sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Isaac Scicluna fejn sabiex tipprovdi ghas-sigurta u l-ordni pubbliku rabtet lill-appellant taht obbligazzjoni tieghu nnifsu ghal perjodu ta' sena taht penali ta' elf ewro.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur